MINUTI

# Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 87/8

**L-Erbgha 25 ta` Jannar 2023**

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88, Triq Raymond Caruana, il-Gudja fil-hamsa (5:00pm) ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Dr. Marija Sara Vella – Sindku
Marija Micallef – Kunsilliera
Audrey Amri Brincat - Kunsilliera

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

John Mary Calleja – Vici Sindku
Stefan Caruana – Kunsillier

**ASSENTI**

Nil

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

Lara Mascena - Segretarju Eżekuttiv

## AĠENDA

087.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

087.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti;

087.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

087.4 Approvazzjoni tal-Estimi Finanzjarji ghas-sena 2023;

087.5 Approvazzjoni tal-Business Plan 2023-2025;

087.6 Approvazzjoni tar-Rapport Amminstrattiv 2022;

087.7 Performance Appraisal tas-Segretarju Ezekuttiv ghas-sena 2022;

087.8 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

087.9 Rapporti;

087.10 Temi oħra tal-Kunsill Lokali;

a. Triq iż-Żebbuġa – progress
b. Triq J. Pace, Triq id-Dejqa u Triq Sta Katarina - progress
c. Ġnien Raymond Caruana – progress
d. Miz 4.4: Hitan tas-Sejjieh - progress

087.11 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

087.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

---

# Minuti

## Tmexxija u ftuħ tal-laqgħa

Is-Sindku Dr. Marija Sara Vella ppresidiet il-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fil-hamsa u ghoxrin ta` filghaxija (5:20pm) wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

### 087.1 Qari tal-ittri ta' apoloġilji

Is-Sindku nfurmat lil s-Sur John Mary Calleja ma kienx ser jattendi minhabba ragunijiet personali u kif ukoll is-Sur Stefan Caruana ma kienx ser jattendi minhabba ragunijiet personali. Dawk prezenti approvaw dawn it-talbiet.

Is-Sindku qalet li fil-prezent il-Vici Sindku jinsab rikoverat l-isptar u talbet sabiex inzommuh fit-talb taghna.

Is-Sindku qalet li matul din il-laqgha ser jigu mghoddija l-iktar korrispondenzi importanti.

**087.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

Dawn il-minuti ġew iċċirkulati qabel il-laqgħa tal-Kunsill u ġew meħuda bħala moqrija.

Il-Kunsill b'vot unanimu approva dawn il-minuti nru 84/8 nem con.

**087.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

087.3.1 Is-Sindku ghamlet referenza ghall-attivita tal-Milied ta` Dari li saret f`Dicembru, fejn qalet li l-attivita kienet wahda tajba u li iktar `il quddiem ser isir laqgha ma` dawk kollha li kienu involuti fuq din l-attivita.

087.3.2 Is-Sindku ghamlet referenza ghall-skeda gdida tal-gbir tal-iskart fejn qalet li matul dawn il-gimghat ma kienx hemm hafna ilmenti u li resident draw diga` din l-iskeda l-gdida. Rrringrazzjat lir-residenti tal-koperazzjoni taghhom.

087.3.3 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li l-Kunsill qabbad kuntrattur gdid biex jigbor l-iskart goff minhabba li l-persuna li kienet tigbor dan l-iskart tinsab indisposta. Is-Sindku qalet li ngibu l-kwotazzjonijiet u l-Kunsill mar ghall-irhas offerta.

087.3.4 Is-Sindku ghamlet referenza ghas-sitwazzjoni ta` tigieg fejn il-Palazz ta` Bettina fejn infurmat lil dawk prezenti li l-Kunsill qed ifittex ghall-ghajnuna biex dawn jkunu jisghtu jinqabdu.

087.3.5 Is-Sindku nfurmat li dawk prezenti li l-Kunsill kien ircieva l-applikazzjoni tal-PA tal-progett ta` fejn il-Palazz ta` Bettina. Is-Sindku ziedet tghid li issa kien ser jibda l-process tal-procurement.

087.3.6 Is-Sindku prezentat korrispondenza li ntbghatet minn resident fuq ir-road hump li tinstab fit-tarf ta` Triq San Ciru sabiex din titressaq minhabba li l-inkonvenjent li qed jikkawza lir-residenti. Dawk prezenti qabblu li ssir ftit `il fuq u ssir tal-konkos.

087.3.7 Prezentata korrispondenza rigward xiri ta` kotba ghal Librerija Pubblika ghall-Gudja fejn qed tintalab is-somma ta` elf ewro. Il-Kunsill talab rendikont ta` xi flus inghataw matul is-sena l-ohra ghal xiri ta` kotba.

087.3.8 Prezentata korrispondenza li ntbghatet minghand resident sabiex tigi rrangata l-bankina ta` quddiem il-garaxx tieghu peress li dan mhux ser jibqa` jintuza aktar bhala garaxx. Is-Sindku talbet sabiex il-Kunsill jitlob l-ghajnuna tar-Regjun sabiex dan ix-xoghol ikun jista` jsir.

087.3.9 Prezentata korrispondenza dwar reserved parking fi Triq San Ciru. Il-Kunsill talab sabiex jiccekjaw ma` TM jekk hux possibli li din ir-reserved parking isir fi triq ohra fil-vicinanzi ghal fatt li fi Triq San Ciru diga` hemm zewg reserved parking ohra.

087.3.10 Is-Sindku talbet proponiet sabiex il-Kunsill jidhol f`diskussjoni mall-Kap tal-Iskola sabiex wara l-hinijiet tal-iskola, l-bitha tal-iskola tkun tista` sservi ta` parkegg ghar-residenti u dan sabiex titaffa` ftit mill-problema tal-parkegg fil-lokalita.

087.3.11 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li waqt il-laqgha li saret mar-rapprezentanti tal-IM, il-Kunsill gie nfurmat li IM kien ser jaghmel ix-xoghlijiet infrastrutturali fit-Triq De Warsbergh u jekk ikun hemm il-bzonn anke jitghaddew is-servizzi mill-gdid.

087.3.12 Is-Sindku ghamlet referenza gall-kwotazzjonijiet sabiex tinxtara ghamara gdida ghall-ufficju tal-Kunsill. Is-Segretarju Ezekuttiv talbet sabiex ghalissa tinxtara mejda u siggu ghall-Assistant Principal peress li ghad m`ghandhiex mejda komda biex tahdem fuqha. Dawk prezenti qabblu li tinxtara mejda u siggu u kif ukoll approva l-irhas kwotazzjoni ghax-xiri tal-ghamara tal-ufficcju tal-Kunsill.

087.3.13 Is-Sindku talbet sabiex isir harga ghall-Ghawdex ghal zmien il-festi tal-Ghid. Il-Kunsill approva li din l-attivita ssir it-Tlieta 28 ta` Marzu 2023.

087.3.14 Is-Sindku ghamlet referenza ghall-progett bl-isem "HIT Heritage – Innovation - Transformation", fejn ser tkun qed isir laqgha mall-Project Leader tal-progett biex jigu diskussi ahjar it-temi u l-involviment tal-Kunsill f`dan il-progett.

087.3.15 Is-Sindku ghamlet referenza ghall-attivitajiet kuluturali li ser jigu organizzati matul is-sena kulturali li qed tigi mmexxija mir-Regjun Nofsinhar. Il-membri tal-Kunsill qabblu sabiex il-Kunsill jorganizza attivita relatata mall-Gwerra u kif affetwat ir-rahal tal-Gudja. Is-Sindku proponiet sabiex jinfethu shelters.

**087.4 Approvazzjoni tal-Estimi Finanzjarji ghas-sena 2023;**

Is-Sindku prezentat l-Estimi Finanzjarji ghas-sena 2023. Dan ir-rapport gie approvat unanimament.

**087.5 Approvazzjoni tal-Business Plan 2023-2025;**

Is-Sindku prezentat il-Business Plan ghas-sena 2023 sa` sena 2025 ghal dawn it-tlett snin li gejjin. Dan ir-rapport gie approvat unanimament.

**087.6 Approvazzjoni tar-Rapport Amministrattiv 2022;**

Is-Sindku prezentat ir-Rapport Amministrattiv ghas-sena 2022 u ghal hidma ta` tlett snin li gejjin. Dan ir-rapport gie approvat unanimament.

**087.7 Performance Appraisal tas-Segretarju Ezekuttiv ghas-sena 2022;**

Is-Sindku ghamlet referenza ghall-Performance Appraisal tas-Segretarju Ezekuttiv ghas-sena 2022, fejn is-Sindku proponiet li tinghata l-ammont massimu. Dwar dan kien hemm qbil unanimu. Is-Sindku rringrazzjat lis-Segretarju tal-hidma taghha fil-Kunsill. Is-Segretarju Ezekuttiv rringrazzjat lill-membri tal-Kunsill tal-apprezzament taghhom lejn il-hidma taghha.

**087.8 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

087.8.1 Il-Kunsilliera M Micallef talbet sabiex tigi mressqa un/loading bay ta` Triq Raymond Caruana wara li kien hemm talba minghand resident.

**087.9 Rapporti;**

Ma kienx hemm.

**087.10 Temi oħra tal-Kunsill Lokali;**

a. **Triq iż-Żebbuġa – progress**

Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li waqt laqgha li kellha ma` IM, giet infurmata li din it-triq ser isir minn naha tal-istess IM bil-pavimentar. Il-Kunsill ghamel it-talba wkoll sabiex is-servizzi jghaddu minn taht l-art jekk ikun hemm qbil mir-residenti kollha ta` din il-parti ta` triq.

b. **Triq J. Pace, Triq id-Dejqa u Triq Sta Katarina - progress**
c. **Ġnien Raymond Caruana – progress**
d. **Miz 4.4: Hitan tas-Sejjieh – progress**

**087.11 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

Il-pagamenti nru 44/8 kif ippreżentata ġiet ipproponuta mill-Kunsilliera A Amri Brincat u ssekondata mill-Kunsilliera M Micallef għall-ammont totali ta' €34,208.86 u ġiet approvata nem con. Il-pagamenti nru 45/8 kif ippreżentata ġiet ipproponuta mill-Kunsilliera A Amri Brincat u ssekondata mill-Kunsilliera M Micallef għall-ammont totali ta' €36,166.26 u ġiet approvata nem con.

**087.12 Tmiem tal-Laqgha**

Il-Laqgha ntemmet fis-sitta u ghoxrin ta` filghaxija (6:20pm). Is-Sindku aġġornat il-laqgha għal nhar l-Erbgha 22 ta` Frar 2023 fuq aġenda li tiġi ċċirkulata għand il-Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa.

Konfermati, illum L-Erbgha 22 ta` Frar 2023

ffirmati
Dr. Marija Sara Vella Gafà
Sindku

ffirmati
Lara Mascena
Segretarju Eżekuttiv